**9 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Edwin Grech

*versus*

Antida Saglimbene *et*

**Libell – Risposta Tardiva – Kontumaċja – Eċċezzjonijiet "*Ex Officio*" mill-Qorti**

*Kawża għal żgumbrament tal-libellati fuq morożità tal-kera. Fir-risposta li ġiet ippreżentata tardivament, il-libellati eċċepew in-nullità tal-proċeduri b'libell stante li messu tmexxa b'ċitazzjoni la darba l-proċeduri kienu quddiem il-Qorti tal-Kummerċ.*

*Fis-sistema Ġudizzjarju tagħna, il-Qorti m'għandhiex tissoleva eċċezzjonijiet li mhijiex espressament awtorizzata mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta' ordni pubbliku. Dana billi bħala nomina l-ġudikant għandu jiddeċidi l-kawża billi joqgħod fuq il-binarju tal-kontestazzjonijiet li jressqulu l-partijiet.*

*Konsegwentement, il-preġudizzjali tan-nullità tal-proċeduri b'libell ma kinitx sollevabbli mill-Qorti "ex officio" u fil-kontumaċja tal-libellati ma setgħetx tiġi eżaminata.*

Libell ta' l-attur Edwin Grech li jaqra hekk:

"1. Illi fil-5 ta' Frar, 1988 il-libellant u l-libellata ffirmaw skrittura ta' kera (Dok. A) fejn il-libellant kien qiegħed jikkonċedi

b'titolu ta' kera lil-libellata l-ħanut numru 30A *High Street*, Ħamrun, bil-kondizzjonijiet stipulati fl-istess skrittura;

2. Illi sallum il-konvenuti naqsu jħallsu iżjed minn żewġ skadenzi skond l-anness Dok. B;

3. Illi l-konvenuti ġew interpellati diversi darbi biex iħallsu u dana anke permezz ta' l-ittra tad-9 ta' Awissu 1991;

4. Illi skond l-artikolu 2 ta' l-imsemmija skrittura kemm-il darba l-inkwilina tkun moruża fil-pagament ta' kera għall-perijodu ta' 14-il ġurnata wara l-iskadenza l-libellant ikollu d-dritt li jirriprendi l-pussess tal-fond;

5. Illi l-libellati huma morużi fil-pagament tal-kera għal iżjed minn sena;

Għaldaqstant il-libellanti filwaqt li jagħti l-infraskritta malleverija, jitlob lil dina l-Qorti jogħġobha:

(A) Tiddikjara lil-libellanti morużi fil-pagament tal-kera dovuta u għalhekk inadempjenti ta' l-obbligazzjonijiet hu trattwali u legali;

(B) Tiddikjara xolta l-konċessjoni tal-kera tal-fond 30A, *High Street*, Ħamrun, mogħtija fil-ħamsa (5) ta' Frar, 1988 (Dok. A);

Bl-ispejjeż kontra l-libellanti li huma inġunti għas-subizzjoni;

B'riżerva għal kull azzjoni spettanti tal-libellant għall-kera

*arretrata*";

Rat ir-risposta ta' Antida Saglimbene u Giovanni Saglimbene li tgħid hekk:

"1. Illi l-proċedura adottata mil-libellant hija rritwali u dana għar-raġunijiet segwenti:

A. Illi *ai termini* tal-kodiċi ta' l-organizzazzjoni u proċedura ċivili l-proċeduri b'libell japplikaw ordinarjament fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija ġudizzjarja għall-gżejjer t'Għawdex u Kemmuna fil-kompetenza tagħha superjuri;

B. Illi fil-Qorti tal-Kummerċ il-proċeduri jitmexxew ordinarjament b'ċitazzjoni u l-istanzi fejn huwa mitlub proċedura b'libell, bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra fil-kodiċi, huwa dawk rigwardanti likwidazzjonijiet, jew ta' kontrivuzzjonijiet jew kawżi ta' ġettu;

Ċ. Illi mkien fil-kodiċi ta' organizzazzjoni u proċedura ċivili mhi kkontemplata l-proċedura b'libell f'każi ta' rexessjoni ta' lokazzjonijiet u sussegwenti evizzjoni;

D. Illi l-Kodiċi ta' l-organizzazzjoni u proċedura ċivili ma hiex nullità fil-każijiet biss li proċedura li missha saret b'libell issir b'ċitazzjoni però mhux *vice versa;*

Għalhekk l-azzjoni intrapriża mil-libellant hija f'din l-istanti irritwali u għandha tiġi ddikjarata nulla";

Rat ir-replika ta' Edwin Grech li biha ġie rrilevat:

"1. Illi l-proċeduri bil-miktub, a tenur ta' l-artikolu 141 tal-kodiċi tal-proċedura, tqiesu magħluqa fl-10 ta' Frar, 1992, u dana peress illi l-konvenuti naqsu li jippreżentaw it-tweġiba fi żmien mogħti lilhom u għalhekk it-tweġiba tal-konvenuti hija nulla;

2. Illi għalhekk din ir-replika qiegħda tiġi ppreżentata mingħajr preġudizzju għas-suespost, u għal kull buon fini tal-liġi;

3. Illi mingħajr preġudizzju fil-Qorti tal-Kummerċ il-proċeduri jitmexxew ordinarjament b'ċitazzjoni. Għalhekk ma jistax jingħad illi l-kelma ordinarjament teskludi l-użu tal-proċedura tal-libell. Inoltre każ ta' nullità jrid ikun stipulat espressament fil-liġi, liema stipulazzjoni m'hiex ikkontemplata fil-każ *de quo;*

4. Illi fit-tweġiba ma ngħataw ebda eċċezzjonijiet fuq il-mertu tat-talba, kif rikjest mil-liġi, u għalhekk il-konvenuti ma jistgħux iressqu eċċezzjonijiet ta' din in-natura;

*Omissis;*

Illi l-libellati ġew notifikati bil-libell fil-5 ta' Frar 1992;

Huma ppreżentaw ir-risposta tagħhom fid-19 ta' Frar 1992, ċjoè wara li laħqu għaddew is-sitt ijiem mogħtija lilhom mil-liġi (artikolu 133(2) Kap. 12) biex jirrispondu;

B'hekk ir-risposta tagħhom ġiet ippreżentata rritwalment u hemm lok li tiġi sfilzata għax ma saritx fit-terminu stabbilit mil-liġi;

Illi l-libellati dehru fl-udjenza tat-30 ta' Marzu 1992 u ma talbux li jressqu l-provi biex jiġġustifikaw dan in-nuqqas tagħhom li jippreżentaw ir-risposta fit-terminu mogħti mil-liġi a tenur ta' l-artikolu 153 tal-Kap. 12. B'hekk, huma lanqas biss talbu li jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom u għalhekk huma għandhom jiġu kkonsiderati kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Illi d-difensur tal-libellati ssottometta illi l-eċċezzjoni sollevata għar-risposta, ċjoè dik ta' l-irritwalità tal-proċedura tal-libell adoperata mil-libellat quddiem din il-Qorti tal-Kummerċ f'kawża ta' rixessjoni ta' lokazzjoni, hija sollevabbli "*ex officio*" minn din il-Qorti. Huwa rrifera għall-artikolu 163 u 164 tal-Kap. 12;

Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tistax tikkondividi din il-fehma, billi *dawn id-disposizzjonijiet*, *kontrarjament* għall-mod kif argomentaw il-libellati ma jawtorizzawx lil din il-Qorti li tqajjem hija stess "*ex officio*" il-preġudizzjali ssollevata mil-libellati. F'dan il-Kap., il-massima regolatriċi għandha tkun "*ubi voluit, dixit*";

Infatti, meta l-leġislatur deherlu li fin-nuqqas ta' xi eċċezzjoni partikolari tal-konvenut, il-Qorti għandha hija stess "*ex officio*" tqajjem tali eċċezzjoni, dan qalu espressament (ara per eżempju l-artikolu 774 Kap. 12);

Fis-sistema ġudizzjarju tagħna, il-Qorti m'għandhiex tissolleva eċċezzjonijiet li mhijiex awtorizzata espressament mill-kodiċi ta' organizzazzjoni u proċedura ċivili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta' ordni pubbliku. Dana billi bħala nomina, il-ġudikant għandu jiddeċidi l-kawża billi joqgħod fuq

il-binarju tal-kontestazzjoni tal-parti u mhux tal-ġudikant li jiskoġita difiżi u eċċezzjonijiet dwar kwistjonijiet legali. Diversament il-Qorti tkun qiegħda tesponi ruħha għal ċerti riskji ovvji meta tiddeċidi kawża fuq eċċezzjoni li tissoleva hija stess, meta m'hijiex awtorizzata espressament li tagħmel hekk;

Għalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li hija awtorizzata li tissolleva hi stess il-preġudizzjali msemmija mid-difensur tal-libellati;

Ikkunsidrat dwar il-mertu:

Illi a bażi tal-provi akkwiżiti fil-proċess, it-talbiet tal-libellant ġew adegwatament sostanzjati u għalhekk hemm lok li jintlaqgħu;

Għal dawn il-motivi:

Prevja li tiddikjara lil-libellati kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u għalhekk tordna l-isfilz tar-risposta tagħna billi din ġiet ippreżentata tardivament, tilqa' t-talbiet tal-libellant eżattament kif dedotti fil-libell u dan fil-kontumaċja tal-libellati u bl-ispejjeż kontra l-istess libellati.